## Il-Ħadd, 31 ta' Mejju 2020

Meta wasal
jum Għid il-Ħamsin,
id-dixxipli kienu lkoll flimkien
f'post wieħed.
F'daqqa waħda
ġie mis-sema
ħoss bħal ta' riħ qawwi,
u mela d-dar kollha
fejn kienu qegħdin.
U dehrulhom ilsna
qishom tan-nar,
li tqassmu u qagħdu
fuq kull wieħed minnhom.
Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu
u bdew jitkellmu b'ilsna oħra,
skont ma l-Ispirtu
kien jagħtihom li jitkellmu.

***Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli,***
***kapitlu 2, versi 1-4***



"L-Ispirtu s-Santu msawwab f'qalb id-dixxipli hu l-bidu ta' staġun ġdid: l-istaġun tax-xhieda u tal-fraternità. Huwa staġun li jiġi mill-għoli, minn Alla, bħal dawk l-ilsna tan-nar li waqfu fuq ras id-dixxipli. Kienet il-ħuġġieġa ta' mħabba li taħraq kull qrusa; kien l-ilsien tal-Vanġelu li jaqbeż il-konfini kollha ... L-Ispirtu s-Santu jissawwab il-ħin kollu llum fuq il-Knisja u fuq kull wieħed minna sabiex aħna nitilqu l-medjokrità tagħna u noħorġu mill-għeluq tagħna u nwasslu lid-dinja kollha l-imħabba kollha ħniena tal-Mulej."

PAPA FRANĠISKU, *Regina Coeli,* 24 Mejju 2015

# L-ilsien tal-Vanġelu

*X'wisa' nagħtiH*
*lill-Ispirtu*
*s-Santu?*

*X'nixtiequ*
*jagħmel*
*f'ħajti?*

Spirtu Qaddis,
ejja imla l-qlub tagħna
bil-qawwa tiegħek:
żvujtana mill-biża'
li ma tħalliniex nibqgħu miftuħin
għat-tnebbieħ tiegħek;
oħroġna mill-għeluq u mill-medjokrità
li jipparalizzawna
fil-mixja tagħna wara l-Mulej Ġesù.
Spirtu Qaddis,
ejja imla l-qlub tagħna
bl-ilsien tal-Vanġelu ta' Ġesù:
ħa niddawlu minnu;
ħa ngħixu bih,
ħa nitħaddtu bih,
ħa nqassmuh kull fejn inkunu.

## It-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2020

Ġesù beda jkellem lin-nies bil-parabboli: "Kien hemm raġel li ħawwel għalqa bid-dwieli; tella' ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, bnielha torri, u qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra. Meta wasal iż-żmien, bagħat qaddej għand dawk il-bdiewa biex jiġborlu mingħandhom is-sehem li kien imiss lilu mill-frott tal-għalqa. Iżda huma qabduh, sawtuh, u bagħtuh lura idu f'idu ... Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu ... Qabduh u qatluh ..." Anqas din l-Iskrittura ma qrajtu: 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka?'"

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 12, versi 1-3. 6b. 8a. 10***



"Il-Qawmien ta' Kristu hu l-misteru tal-ġebla li warrbu l-bennejja li tispiċċa ssir il-ġebla tax-xewka tal-ħajja tagħna. Kristu qam, dan li jfisser. F'din il-kultura tal-iskart fejn dak li m'għandniex bżonn inwarrbuh, dik il-ġebla - Ġesù - hi mormija u hi għajn tal-ħajja. U mqar aħna, ċagħkiet mixħuta mal-art, f'din l-art ta' tbatija, ta' traġediji, bil-fidi qawwija fi Kristu Rxoxt nistgħu nsibu sens, qalb tant diżastri. Is-sens li nħarsu iktar lil hemm, is-sens li ngħidu: 'Ara, mhux ħajt hemm, imma xefaq.'"

PAPA FRANĠISKU, Omelija,
Pjazza San Pietru, Vatikan, 16 April 2017

*Il-Passjoni*
*u l-Qawmien*
*ta' Kristu*
*x'jgħiduli*
*dwar*
*kif jaħdem Alla?*

*Jien*
*kif nidħol*
*fil-mod ta' kif*
*Huwa jaħdem?*

# Ċagħkiet mal-art

L-esperjenzi tqal li ngħaddu minnhom, Mulej,
ġieli jagħtuna ħafna x'nifhmu
li aħna qisna ċagħkiet mixħuta mal-art,
li aħna persuni bla siwi,
li aħna persuni li ma nistgħu nikkontribwixxu xejn
lejn is-soċjetà,
li aħna tajbin biss biex nintremew!
Dan Inti wkoll ġarrabtu bil-kbir,
u taf kemm uġigħ inissel fil-qalb.
Imma Alla Missierek,
il-Fidwa jinsiġha b'dak li ħaddieħor jiskarta;
anzi, dak li ħaddieħor iwarrab
Hu jagħmlu fiċ-ċentru tal-miraklu l-kbir tiegħU.
Agħmel, Mulej, li ma ninsa qatt
li jien niswa quddiem Alla Missierek u Missieri,
u li bija wkoll Hu jrid jinseġ il-miraklu l-kbir!

## It-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020

Bagħtu għand Ġesù xi Fariżej u Erodjani biex jonsbuh f'xi kelma. Qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa u li ma tħabbel rasek b'ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi. Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?" ... Imma hu ntebaħ bil-wiċċ b'ieħor tagħhom, u qalilhom: "Għaliex tridu tinbxuni? Newluli dinar ħa narah." Newlulu dinar, u hu staqsiehom: "Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?" Qalulu: "Ta' Ċesari." Qalilhom Ġesù: "Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 12, versi 13-14. 15b-17a***



"L-ipokrisija hija l-lingwaġġ tal-korruzzjoni; żgur li mhijiex il-lingwaġġ tal-verità, għax din qatt ma tkun waħedha: dejjem tkun marbuta mal-imħabba ... L-ipokriti jridu verità li toqgħod għall-interessi tagħhom. Anki f'dawn hemm xi għamla ta' mħabba, imma mħabba lejhom infushom; għamla ta' idolatrija li biha jgħollu lilhom infushom, u jaslu biex jittradixxu lil ħaddieħor. L-umiltà li Ġesù jistenna minna m'għandha x'taqsam xejn ma' dan il-ftaħir, ma' dan il-mod mimli zokkor ta' kif tavanza."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 4 Ġunju 2013

# Meta l-verità toqros

*Il-verità lili tinteressani?*

*Meta l-verità toqrosni nibqa' nħaddanha?*

Kemm hu faċli għalina, Mulej,
li d-dehra tagħna ta' barra
nfittxu li nagħmluha
ta' nies li jħobbu s-sewwa,
li jfittxuh,
li jħaddnuh!
Imma fil-fond ta' qalbna
nafu li s-sewwa
xi drabi nagħmluh skjav tagħna,
skjav tal-interessi tagħna,
skjav ta' dak li jaqbel biss lilna.
Agħtina, Mulej,
l-umiltà li neħtieġu
biex is-sewwa
nbaxxu rasna dejjem quddiemu,
ikun x'ikun.

## L-Erbgħa, 3 ta' Ġunju 2020

Ġesù qal lil xi Sadduċej
li resqu lejh:
"Il-bnedmin,
meta jqumu mill-imwiet
la jiżżewġu u lanqas iżewġu,
imma jkunu
bħall-anġli fis-smewwiet.
Għal dak imbagħad
li hu qawmien mill-imwiet,
fil-ktieb ta' Mosè,
fejn jissemma l-għollieq,
ma qrajtux kif Alla qallu:
Jiena Alla ta' Abraham,
Alla ta' Iżakk,
u Alla ta' Ġakobb?
Alla mhux tal-mejtin,
iżda tal-ħajjin!"

***Mill-Evanġelju skont San Mark,***
***kapitlu 12, versi 25-27a***

99

"Ġesù jgħid li l-ħajja hi ta' Alla li jħobbna u jinkwieta ħafna għalina, tant li jorbot ismu ma' isimna: 'Jiena Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb. Alla mhux tal-mejtin, iżda tal-ħajjin.' Il-ħajja teżisti kull fejn hemm rabta, komunjoni, fratellanza; u hija ħajja li tiżboq il-mewt dment li tkun mibnija fuq relazzjonijiet veri u rabtiet ta' fedeltà. Bil-maqlub, m'hemmx ħajja meta bniedem jippretendi li hu tiegħu nnifsu u jgħix għalih waħdu: f'dawn l-atteġġjamenti hija l-mewt li toħroġ rebbieħa!"

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 10 Novembru 2019

*Lil Alla*
*nħalliH jagħtini*
*n-nifs Tiegħu?*

*X'noffri jien*
*lill-oħrajn:*
*in-nifs tal-ħajja*
*jew tal-mewt?*

# Nifsijiet

Mulej,
Inti ma tedha qatt tagħtina n-nifs tiegħek
biex ngħixu aħna bih
u biex ngħajxu lil ħaddieħor bih.
Agħmel li aħna,
bis-saħħa tan-nifs li tagħtina Inti,
inkunu nistgħu nagħtu nifs
lil min qed jaqta' nifsu
minħabba l-qtigħ il-qalb,
l-iżolament,
il-biża',
is-solitudni,
id-dwejjaq,
il-ġlied,
il-mard,
it-tbatija.

## Il-Ħamis, 4 ta' Ġunju 2020

Wieħed mill-kittieba
resaq fuq Ġesù u staqsieh:
"Liema wieħed fost il-kmandamenti
kollha huwa l-ewwel?"
Ġesù wieġbu:
"L-ewwel wieħed huwa dan:
'Isma' Iżrael!
Il-Mulej, Alla tagħna,
Mulej wieħed hu,
u int għandek tħobb lill-Mulej,
Alla tiegħek, b'qalbek kollha,
b'ruħek kollha, b'moħħok kollu,
u bil-qawwa tiegħek kollha.'
U t-tieni hu dan:
'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.'
Ma hemmx kmandament
ieħor akbar minn dawn."

***Mill-Evanġelju skont San Mark,***
***kapitlu 12, versi 28b-31***

# 100

"Ġesù jżid xi ħaġa li ma kienx
talabha l-għaref tal-liġi.
Jgħid: 'U t-tieni wieħed hu dan:
Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.'
Dan ma jivvintahx Ġesù,
għax jinsab fil-ktieb tal-Levitiku.
Dak li għamel ġdid hu li poġġa
dawn iż-żewġ kmandamenti
flimkien - l-imħabba lejn Alla
u l-imħabba lejn il-proxxmu -
u b'hekk juri li dawn ma jistgħux
jinfirdu ... Mhux possibbli tħobb
lil Alla bla ma tħobb lill-proxxmu,
u mhux possibbli tħobb
lill-proxxmu bla ma tħobb lil Alla."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 26 Ottubru 2014

*Inħalli lill-Mulej jeħodni għand il-proxxmu?*

*Lill-proxxmu nħallih jeħodni għand il-Mulej?*

# Dak li Alla jgħaqqad

Mulej,
meta jien ninfetaħ għalik,
Inti tiftaħli qalbi għall-proxxmu;
u l-proxxmu jerġa' jeħodni lejk.
Meta jien nagħmilha miegħek
Inti tibgħatni nagħmilha mal-proxxmu;
u l-proxxmu jerġa' jeħodni lejk.
Meta jien inħobb lilek,
Inti tibgħatni nħobb lill-proxxmu;
u l-proxxmu jerġa' jeħodni lejk.
Meta jien inqim lilek
Inti tibgħatni nqim lill-proxxmu;
u l-proxxmu jerġa' jeħodni lejk.
Agħmel, Mulej, li jien ma nazzarda qatt
nifred lilek mill-proxxmu
u lill-proxxmu minnek.

## Il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju 2020

Hu u jgħallem fit-tempju,
Ġesù qabad u qal:
"Din kif inhi
li l-kittieba jgħidu
li l-Messija huwa bin David?
David stess,
imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu,
qal:
'Il-Mulej qal lil Sidi:
Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,
sa ma nkun qegħedt
l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk.'
Jekk David stess sejjaħlu Sidu,
mela kif inhu ibnu?"
U dik il-kotra kbira ta' nies
qagħdet tisimgħu
bil-qalb kollha.

*Mill-Evanġelju skont San Mark,*
*kapitlu 12, versi 35-37*

101

"L-Evanġelista San Luqa jgħid li meta xi ħadd mill-folla spjega lill-agħma ta' Ġeriko r-raġuni għala kien hemm ħafna nies, qallu: 'Għaddej Ġesù ta' Nazaret.' Il-fatt li Ġesù għaddej hu indikat bl-istess verb li bih fil-ktieb tal-Eżodu naqraw dwar il-mogħdija tal-anġlu li jifdi lill-Iżraeliti fl-art tal-Eġittu. Hija l-'mogħdija' tal-Għid, il-bidu tal-ħelsien. Meta jgħaddi Ġesù, dejjem hemm il-ħelsien! ... Bla biża' ta' xejn, l-agħma iktar jgħajjat lil Ġesù, u jagħrfu bħala Bin David, il-Messija mistenni."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 15 Ġunju 2016

# Mil-linja ta' David

*Kif nidħol jien*
*fil-pjan*
*tal-Messija*
*mwiegħed?*

*X'għamla*
*ta' ħelsien*
*nistenna*
*minn Ġesù?*

Il-wegħda
li l-Messija kellu jiġi mil-linja tas-sultan David
seħħet fik, Mulej,
permezz ta' dak li kien mit-tribù ta' David, Ġużeppi,
ir-raġel ta' Marija, li lilha aċċetta b'martu
bit-tarbija tagħha
li tnisslet fiha bil-qawwa tal-Ispirtu S-Santu.
Din il-wegħda tal-Messija, Bin David,
kienet marbuta ma' ħafna barkiet:
diversi persuni li kienu qegħdin ibatu
kellhom jiġu meħlusin.
U hekk ġara, u hekk jibqa' jiġri f'kull żmien:
minn fejn tgħaddi Int, ikun hemm dejjem il-ħelsien,
l-aktar dak li għandu x'jaqsam
mal-qalb tal-bniedem.
Grazzi, Mulej.

## Is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2020

Ġesù kien qiegħed biswit it-teżor,
iħares u jara
xi flus jitfgħu n-nies fit-teżor.
Bosta għonja bdew jitfgħu ħafna.
Resqet waħda armla fqira
u tefgħet biċċtejn żgħar,
jiġifieri xi ftit ċenteżmi.
Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu
u qalilhom: "Tassew ngħidilkom,
li din l-armla fqira
tefgħet iktar minn dawk kollha
li tefgħu fit-teżor.
Għax dawk kollha
tefgħu miż-żejjed tagħhom,
imma hi, fil-faqar tagħha,
tefgħet kulma kellha,
dak kollu li kellha biex tgħix."

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 12, versi 41-44***



"Ġesù jgħid li aħna għandna nimmiraw mhux għall-kwantità imma għall-milja. Hemm differenza bejn il-kwantità u l-milja. Jista' jkollok ħafna flus, imma tkun tħossok vojt: m'hemmx milja f'qalbek ... Li tħobb lil Alla 'b'qalbek kollha' jfisser li tafda fiH, fil-providenza tiegħu, u li sserviH fl-aħwa l-aktar foqra mingħajr ma tistenna xejn lura. Quddiem il-ħtiġijiet tal-proxxmu, aħna msejħin niċċaħdu minn ħwejjeġ essenzjali, mhux minn dak li hu żejjed biss."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 8 Novembru 2015

*X'inbati jien biex nagħmel il-karità?*

*Il-karità li nagħmel x'effett tħalli fuq il-qalb tiegħi?*

# Mill-milja tal-qalb

Mulej,
iktar ma l-karità toħroġ minn qalb
li trid tinfetaħ bis-serjetà għall-oħrajn
iktar jibqa' ġid f'min jagħmilha;
iktar ma toħroġ minn qalb
li ċċarrat lilha nfisha minħabba l-oħrajn
iktar tkun karità li tħalli frott tajjeb
f'min jagħmilha;
iktar ma toħroġ minn qalb
li ma tqis xejn - ukoll jekk ftit -
li hu tagħha biss
u li m'għandux jinqasam mal-oħrajn,
iktar tkun karità li tibdel għall-aħjar
lil min jagħmilha.
Itfagħni, Mulej, f'din it-triq,
u żommni fiha.